

*Apprezzament*

# Sir Anthony Mamo

***(1909–2008)***

***President Onorarju***

Kmieni fl-għodwa tal-Ħamis, 1 ta' Mejju, 2008 tħabbret il-mewt ta' Sir Anthony Mamo li kien l-Ewwel President tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll wieħed mill-Presidenti Onorarji tal-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Huwa miet fl-età venerabbli ta' 99 sena ġewwa Casa Arkati fil-Mosta fejn qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu.

Sir Anthony Mamo, li twieled f'Birkirkara fid-9 ta' Jannar, 1909, ġie maħtur President Onorarju tal-Banda San Ġorġ waqt is-Seduta Ġenerali li kienet saret f'Jannar tas-sena 1973, meta dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Gvernatur Ġenerali ta' Malta. Infatti kien inħatar l-ewwel u l-aħħar Ġvernatur Ġenerali Malti fit-3 ta' Lulju,1971 u aktar tard sar ukoll l-Ewwel President ta' Malta eżattament fit-13 ta' Diċembru, 1974 meta Malta saret Repubblika.

Sir Anthony Mamo ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju tal-Arċisqof kif ukoll fl-Università Rjali ta' Malta fejn fis-sena 1931 iggradwa fil-Baċellerat tal-Arti u tliet snin wara bħala Avukat. Fl-1936 mexxa kummissjoni sabiex tirrevedi l-Liġijiet ta' Malta, biċċa xogħol delikata li damet sitt snin sakemm tlestiet. Huwa ħadem ma' erba' Prim Ministri differenti li kienu Sir Paul Boffa, Nerik Mizzi, Ġorġ Borg Olivier u Dom. Mintoff.

Fis-sena 1939, Sir Anthony Mamo kien iżżewweġ lil Margaret née Agius u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, illum Dr. John Mamo u żewġt ibniet Josephine u Monica.

Fl-1955 kien inħatar Avukat Ġenerali tal-Kuruna u kien għalliem fl-Università ta' Malta fejn fost l-oħrajn għallem lill-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami kif ukoll l-eks Presidenti tar-Repubblika l-Profs. Gwido Demarco u Dr. Ugo Mifsud Bonnici li huwa wkoll President Onorarju tal-Banda San Ġorġ. Il-ħiliet tiegħu kienu rispettati anki mill-Gvern Ingliż fejn fis-sena 1957 Sir Anthomy Mamo irċieva l-OBE u sentejn wara kien mogħti t-titlu ta' Sir. Għamilha diversi drabi ta Aġent Gvernatur Ġenerali fin-nuqqas tal-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman, Ingliż.

Sir Anthony Mamo fl-aħħar xhur ta' ħajtu kellu rekord tad-dinja minħabba li kien l-ixjeħ ex President ta' pajjiż li kien għadu ħaj. Bħala rikonnoxximent tal-ħidma tiegħu lejn Malta, il-Gvern iddeċieda li għandu jagħmillu funeral statali. Rappreżentanza mill-Kumitat immexxija mill-President Dr. Joseph Cassar Delia attendiet il-funeral statali li sar fil-Belt Valletta l-għada l-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2008 fejn ukoll inbagħtet kuruna bħala tislima lejn Sir Anthony Mamo.

Dan il-ġentlom Malti dejjem kellu rispett lejn il-Belt ta' Bormla u kif kien stqarr darba fid-Domus Piju IX waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Mejda tal-Appostli, li l-Karkarizi huma ħbieb ħafna tal-Bormliżi, forsi wkoll minħabba l-fatt li l-Kunċizzjoni damet tliet snin fil-Bażilika ta' Santa Liena matul is-snin tat-tieni gwerra dinjija. Sir Anthony Mamo li beda fqir u spiċċa tarka tal-batut u ż-żgħir issa ħalliena, imma ċertament li l-memorja tiegħu ser tibqa' tgħix magħna matul iż-żmien. Nittamaw li mar jgħix ħajja ta' sliem etern għalkemm dejjem jibqa' d-dover tagħna li niftakru fih fit-talb tagħna. Mulej ħanin agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

RAY'S BAR
Prop. Lorry Farrugia
Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla
Mobile: 7959 4069
Viva l-Kunċizzjoni